

31998R1661

29.7.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 211/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1661/98**  
**tas-27 ta' Lulju 1998**  
**li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1048/98 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament ta' hawn fuq, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-Nomenklatura Magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull Nomenklatura oħra li hija msejsa fuqha fl-intier tagħha jew f'parti minnha jew li żżid kull sud-diviżjoni magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati t-tariffa u l-miżuri l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati għewwa l-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li t-tagħrif li jorbot dwar it-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifika ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw jiġu invokati, skond id-disposizzjonijiet fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottu-

bru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja <sup>(3)</sup>, għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tat-Tariffa u tan-Nomenklatura Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda għewwa l-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija hawn fuq.

*Artikolu 2*

It-tagħrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal- Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 151, tal-21.5.1998, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

## ANNEX

Deskrizzjoni	Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>It-Tejjija tal-kunzar, fil-għamla ta' trab aħdar imsejjes fuq il-komposti inorganiċi jkun fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— bejn wieħed u ieħor 26 % tal-kromju espress bħala ossidu tal-kromju</li> <li>— bejn wieħed u ieħor 8 % tas-sodju u 17 % tal-kubrit</li> <li>— b'bażiċità ta' madwar 33 %</li> </ul>	3202 90 00	<p>Il-Klassifika hija stabbilita bid- disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 sabiex tiġi interpretata n- Nomenklatura Magħquda, in-nota 1 (a) tal-Kapitolu 28 u l-għoti tal- kliem tal-kodiċijiet NM 3202 u 3203000</p> <p>Ara wkoll in-noti ta' spjega I u I(B) tal-HS ma' l-intestatura 3202.</p>